Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11201/16

ONU 85	**COHAFA 54**
CONUN 140	**GENDER 31**
COHOM 99	**CYBER 86**
CFSP/PESC 610	**COAFR 216**
COPS 237	**MAMA 154**
CSDP/PSDC 445	**COASI 155**
CONOP 58	**COEST 193**
COTER 81	**COTRA 17**
DEVGEN 165	**COLAC 55**
CLIMA 88	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Lulju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10761/16
Suġġett:	Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-71 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Settembru 2016 – Settembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-71 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Settembru 2016 - Settembru 2017), adottati mill-Kunsill fit-3482 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2016.

<u>**ANNESS**</u>

Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-71 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Settembru 2016 – Settembru 2017

Illum, aktar minn qatt qabel, in-Nazzjonijiet Uniti tibqa' kruċjali għas-sehem globali tagħna. L-impenn tagħna lejn il-prinċipji u l-għan tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ma naqasx. Għal għexieren ta' snin, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ngħaqdu biex itejbu l-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem.

Matul l-aħħar sena, rajna għadd ta' kisbiet impressjonanti, inkluż ftehim dwar l-Aġenda trasformattiva 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, u l-iffirmar storiku tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Fl-Assemblea Ġenerali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kien hemm ukoll kunsens dejjem akbar għall-ġlieda kontra d-Da'esh u gruppi terroristiċi oħra.

Is-sena li ġejja ser tikkonċerna l-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dak li ksibna.

Madankollu, għad hemm sfidi globali serji. Dawn jeħtieġu rispons globali u Nazzjonijiet Uniti b'saħħitha u effettiva, lesta li tindirizza u tegħleb l-isfidi l-ġodda li għandna quddiemna. Jeħtieġ li ssir riforma fis-sistemi ta' governanza dinjija u li dawn jingħataw ħajja ġdida. Ser ikun meħtieġ ukoll li niżviluppaw normi u regoli globali f'oqsma fejn għad m'għandniex istituzzjonijiet globali b'saħħithom, bħalma huma ċ-ċibernetika, l-enerġija jew l-ispazju. Il-migrazzjoni globali u l-kriżi tar-refuġjati ser jirrikjedu kondiviżjoni tar-responsabbiltà tassew globali.

L-UE tappella lill-familja usa' tan-NU biex dawk l-isfidi jintlaqgħu. Iż-żamma tal-paċi ser teħtieġ approċċ konsistenti u kkoordinat fil-pilastri kollha, u l-prevenzjoni ser tkun dejjem aktar ċentrali. L-Istrateġija Globali tal-UE tenfasizza speċifikament l-importanza ta' sistema ta' governanza dinjija li tkun effettiva. Is-Segretarju Ġenerali l-ġdid jista' jserraħ fuq is-sħubija sħiħa tal-UE u appoġġ sħiħ min-naħa tagħha f'din is-sena importanti ta' transizzjoni.

Waqt li jagħrfu l-importanza tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tal-multilateraliżmu effettiv, matul il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha[1] ser jiffukaw fuq il-prijoritajiet li ġejjin taħt it-tliet intestaturi prinċipali:

I. IŻ-ŻAMMA TAL-PAĊI
II. DINJA AKTAR ĠUSTA U UMANA
III. AĠENDA DEJJIEMA GĦALL-BIDLA

I. IŻ-ŻAMMA TAL-PAĊI

Niżguraw il-Paċi

In-natura dejjem aktar dewwiema u kumplessa tal-konflitti u l-kriżijiet teħtieġ aġenda komuni u rispons integrat min-NU li jiffoka fuq id-diplomazija preventiva, il-medjazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi, ir-reżiljenza, l-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi u missjonijiet politiċi speċjali, imsejħa operazzjonijiet ta' paċi fir-rapport tal-Bord Indipendenti ta' Livell Għoli dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi. Jeħtieġ li d-differenzi istituzzjonali u settorjali jingħelbu biex issir ħidma aktar mill-qrib u b'mod aktar integrat. Hu essenzjali li jkun hemm approċċ komprensiv: il-prevenzjoni ta' kriżijiet, l-għajnuna umanitarja, l-istabbilizzazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi, l-iżvilupp sostenibbli, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-azzjoni marbuta mad-drittijiet tal-bniedem għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin.

Iż-żamma tal-paċi teħtieġ integrazzjoni aħjar bejn it-tliet pilastri tal-ħidma tan-NU. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 toffri opportunità biex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp. L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 dwar il-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom jissottolinja proprju dan l-aspett.

[1] F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' 'UE' ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-'UE, tal-'UE u l-Istati Membri tagħha' jew esklużivament tal-'Istati Membri'.

Iż-żamma tal-paċi u l-missjonijiet politiċi speċjali tan-NU ser jibqgħu għodda ewlenija fl-isforzi tagħna biex nippromwovu l-istabbiltà. Ser inkomplu nistinkaw biex insaħħuhom u nsostnu jew inżidu l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE f'operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi u missjonijiet politiċi speċjali, u ser naħdmu mill-qrib man-NU biex nistabbilixxu miżuri li jinkoraġġixxu sinerġiji u appoġġ reċiproku, biex b'hekk tissaħħaħ is-sħubija tagħna fil-post.

L-UE kkontribwixxiet b'mod attiv għall-proċessi ta' reviżjoni tas-sena li għaddiet taħt l-istruttura ta' paċi u sigurtà tan-NU. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-proposti konkreti li ħarġu u tinsab lesta li tkun fuq quddiem biex tgħin lin-NU timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Issa għandha tkompli ssir enfasi fuq il-koerenza u s-sinerġiji, biex b'hekk isir użu effettiv u effiċjenti tar-reazzjonijiet kontinwi għall-kriżijiet. Qatt qabel ma kien hemm daqshekk reviżjonijiet/rapporti ewlenin tan-NU daqstant unanimi fl-appell tagħhom li ssir aktar ħidma għall-prevenzjoni tal-kriżijiet u jinstabu soluzzjonijiet politiċi. Jeħtieġ li d-diplomazija preventiva u l-isforzi ta' medjazzjoni jiġu intensifikati. L-Alleanza ta' Ċiviltajiet tan-NU għandha rwol x'taqdi f'dan il-kuntest.

Il-passat reċenti wera bl-aktar mod kiefer fejn jista' jwassal in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kunsill tas-Sigurtà. L-Istati Membri tal-UE jfakkru fl-appoġġ li taw lill-Kodiċi ta' kondotta ACT u fl-impenn li sar b'rabta mal-ħtieġa li tittieħed azzjoni f'waqtha u deċiżiva biex ittemm it-twettiq ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità jew delitti tal-gwerra, jew tipprevjeni reati kriminali bħal dawn. L-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-Responsabiltà ta' Protezzjoni.

Flimkien ma' sħab tal-istess fehma, l-UE ser taħdem biex tiġi eliminata kull għamla ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, kif ukoll l-irġiel u s-subien, inkluż il-vjolenza sesswali fil-konflitti, u biex tintemm l-impunità. L-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjonijiet kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà hija prijorità, li titlob l-involviment attiv tan-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti kif ukoll is-sehem tan-nisa fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.

L-UE tappella għal sforzi kontinwi u konsistenti għal approċċ fil-livell tan-NU biex tiġi indirizzata l-vjolenza sesswali u biex jintemm l-isfruttament u l-abbuż sesswali minn membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi. Dawk li jwettqu reati kriminali bħal dawn għandhom jinżammu responsabbli. Għandha ssir ġustizzja b'mod li jkun aċċessibbli għas-superstiti. Għandna naħdmu flimkien biex insaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-isfruttament u l-abbuż sesswali, ninvestigaw u nieħdu azzjoni dixxiplinarja f'waqtha u niżguraw mekkaniżmi ta' rappurtar u appoġġ aċċessibbli għall-vittmi. Il-miżuri meħuda mis-Segretarju Ġenerali, inkluż il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà u mill-Assemblea Ġenerali huma passi fid-direzzjoni t-tajba.

Il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, Inkluż il-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti

In-NU għandha rwol ċentrali fil-**ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti**. L-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu fiha sett sħiħ ta' miżuri li jrid jiġi implimentat kollu kemm hu. Din is-sena tikkommemora l-10 anniversarju mill-Istrateġija tan-NU għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu. Din hija opportunità biex ngħaddu għal reviżjoni aktar fil-fond tal-Istrateġija tan-NU għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, b'kont meħud tal-aħħar diskussjonijiet dwar il-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti fid-dawl tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Segretarju Ġenerali għall-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti.

Sadanittant, l-UE ser tkompli tindirizza l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u l-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti internament permezz ta' ħidma leġislattiva u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni relatati. Aħna ser inkomplu wkoll ninvolvu ruħna fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/il-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti fil-kooperazzjoni bilaterali estensiva tagħna, b'mod partikolari fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, is-Saħel, il-Qarn tal-Afrika, it-Turkija u l-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli tipparteċipa b'mod attiv fil-Forum Globali kontra t-Terroriżmu bħala mezz biex tkompli tippromwovi l-istandards u l-politika tan-NU f'dan il-qasam.

Id-Da'esh u gruppi terroristiċi oħrajn huma ta' theddida għall-komunità internazzjonali u b'mod partikolari għall-istabbiltà tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Il-ġlieda kontra d-Da'esh u gruppi terroristiċi oħra għandha titmexxa b'mod parallel mat-tiftix għal soluzzjonijiet politiċi dejjiema fir-reġjuni kkonċernati. L-UE tappoġġa r-rwol attiv tan-NU fil-faċilitazzjoni ta' soluzzjonijiet politiċi bħal dawn u fit-tħaddim ta' miżuri preventivi sistematiċi għall-indirizzar tal-għeruq tal-kawżi.

F'dan il-kuntest, l-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha b'mod partikolari għar-Riżoluzzjoni 2170, 2178 u 2253 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u tappella lill-pajjiżi kollha biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni rapida tagħhom b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-Istat tad-Dritt, speċifikament biex jindirizzaw il-fenomenu tal-Ġellieda Terroristi Barranin u jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu.

It-tweġiba għall-Isfidi Reġjonali

L-għadd ta' nies li ma għandhomx paċi u sigurtà f'pajjiżhom stess huwa kbir wisq. Bosta sitwazzjonijiet kritiċi fil-pajjiżi jeħtieġu azzjoni internazzjonali soda u konsistenti, inkluż il-pajjiżi u r-reġjuni li ġejjin.

L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi mmexxija min-NU, b'mod partikolari l-Mibgħut Speċjali għas-**Sirja**, biex tiġi ffaċilitata transizzjoni politika. Huwa biss proċess politiku mmexxi mis-Sirja li jwassal għal transizzjoni paċifika u inklużiva, abbażi tal-prinċipji tal-Komunikat ta' Ġinevra tat-30 ta' Ġunju 2012 u l-UNSCRs rilevanti, li jista' jerġa' jġib l-istabbiltà fis-Sirja, jippermetti l-paċi u r-rikonċiljazzjoni u joħloq l-ambjent meħtieġ għal sforzi effiċjenti kontra t-terroriżmu, filwaqt li jżomm is-sovranità, l-indipendenza, l-għaqda u l-integrità territorjali tal-Istat Sirjan.

L-UE tinsisti fuq il-ħtieġa li l-membri kollha tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja jagħmlu dak kollu possibbli biex isaħħu rapidament l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-waqfien mill-ġlied, jiżguraw aċċess umanitarju fil-pajjiż kollu u jagħmlu progress fuq il-kwistjoni tad-detenuti. Jinħtieġu negozjati serji biex tinkiseb transizzjoni politika ġenwina li tinkludi korp governattiv transizzjonali miftuħ, inklużiv u mhux settarju bis-setgħat eżekuttivi kollha.

L-UE tibqa' magħquda fl-impenn tagħha li tikseb soluzzjoni ta' żewġ stati fil-**Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani**. F'dan, aħna ser naħdmu id f'id man-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-partijiet fil-konflitt ser jiġu mħeġġa biex jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu iżjed tensjoni u, minflok, jindirizzaw il-kawżi sottostanti għall-konflitt.

L-UE ser taħdem biex tiżgura koerenza fost id-diversi inizjattivi biex terġa' tniedi l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. F'dak il-kuntest, l-UE tinsab iddeterminata li, flimkien ma' sħab internazzjonali u reġjonali oħra, tagħti kontribut konkret u sostanzjali għal ġabra globali ta' inċentivi biex il-partijiet jagħmlu paċi bil-ħsieb ta' konferenza internazzjonali ppjanata li ssir qabel tmiem is-sena. Permezz tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Kwartett tal-Lvant Nofsani ("il-Kwartett"), l-UE ser tkompli taqdi rwol attiv. Hi ser tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar passi trasformattivi sinifikanti li għandhom jittieħdu fil-post, b'mod konsistenti ma' ftehimiet preċedenti, sabiex toffri orizzont politiku. Id-dimensjoni reġjonali, li tikkostitwixxi element prinċipali għal paċi komprensiva, tibqa' essenzjali peress li l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi tista' tħeġġeġ u tinċentiva l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

Fil-**Libja**, l-UE ser tkompli tipprovdi appoġġ sostanzjali lill-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali u lill-poplu Libjan f'oqsma ewlenin, inkluż l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni ekonomika u r-riforma tas-settur tas-sigurtà, fuq talba tal-awtoritajiet Libjani u skont il-prijoritajiet tagħhom, f'koordinazzjoni sħiħa mal-UNSMIL u f'appoġġ sħiħ għaliha. Il-Kunsill tas-Sigurtà ser ikollu rwol importanti fil-Libja fir-rigward tas-sanzjonijiet tan-NU u l-awtorizzazzjoni possibbli ta' inizjattivi speċifiċi tal-PSDK tal-UE.

Fil-**Mediterran**, l-UE ser tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali u l-integrazzjoni permezz ta' oqfsa eżistenti.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi internazzjonali, jiġifieri l-proċess ta' Minsk, bl-għan li tinsab soluzzjoni politika dejjiema u paċifika għall-kriżi fl-**Ukrajna** abbażi tar-rispett għall-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll aderenza stretta mal-istandards internazzjonali. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tappella għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk li kienu approvati mir-Riżoluzzjoni 2202 (2015) tal-KSNU u twettaq il-politika tagħha ta' nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali Russa tal-Krimea u Sevastopol, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 68/262 tal-AĠNU.

L-UE hija impenjata bis-sħiħ favur riforma u stabbiltà fit-tul fl-**Afganistan**. Il-Konferenza Ministerjali li jmiss dwar l-Afganistan li ser issir fi Brussell f'Ottubru 2016, ospitata mill-UE u l-Gvern tal-Afganistan ser tkun opportunità importanti biex l-impenji Afgani lejn riformi u progress kontinwi jiġu kkonfermati mill-ġdid, u biex il-komunità internazzjonali tkun tista' tagħti sinjal ta' appoġġ politiku u finanzjarju sostnut għall-paċi, il-bini tal-istat u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-ġlieda kontra d-droga. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għar-rwol importanti kontinwu tal-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) u l-aġenziji kollha tan-NU b'appoġġ għall-poplu Afgan. Aħna ser inkomplu nappoġġaw l-isforzi internazzjonali kollha li għandhom l-għan li joħolqu ambjent li jwassal għal proċess ta' paċi Afgan li jkun sostenibbli u nsostnu l-impenn indispensabbli tal-UNAMA lejn il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili f'konflitt armat.

In-**nazzjonijiet Afrikani** qed jaħdmu biex jistabbilixxu u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tat-timijiet ta' rispons tagħhom stess għal dawk is-sitwazzjonijiet fil-livell reġjonali u subreġjonali, permezz tal-inklużjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà. L-isfidi huma sinifikanti u ma jistgħux jiġu indirizzati mingħajr l-appoġġ, inkluż dak finanzjarju, minn sħab internazzjonali bħan-NU u l-UE. Il-kooperazzjoni u l-komplementarjetà tajbin bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet huma evidenti fil-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, pereżempju, b'involviment dejjem ikbar minn pajjiżi Ewropej li jikkontribwixxu truppi f'operazzjonijiet tan-NU u l-iskjerament parallel ta' operazzjonijiet tal-PSDK; dan kollu b'appoġġ għall-isforzi Afrikani biex jerġa' jiġi stabbilit ambjent ta' paċi f'dawk il-pajjiżi.

L-UE għandha xewqa kbira li tiżviluppa qafas strutturat biex issaħħaħ il-kooperazzjoni trilaterali fl-Afrika, abbażi tal-iskambju ta' esperjenzi fil-post u l-kuntatti frekwenti fil-livell politiku u tekniku li diġà jeżistu bejn in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-UE. L-UE għandha wkoll xewqa kbira li tagħti appoġġ biex il-pajjiżi Afrikani u l-organizzazzjonijiet reġjonali jkollhom kapaċità aktar b'saħħitha biex jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom meta jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Aħna ser nistinkaw biex nipprovdu tagħmir u taħriġ lill-forzi Afrikani sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw biex iżommu u jiżguraw rispett għall-paċi madwar il-kontinent Afrikan.

Id-Diżarm u n-Nonproliferazzjoni

Il-proliferazzjoni ta’ armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom hi theddida għas-sigurtà globali. Minħabba r-riskju li l-armi ta' qerda massiva jispiċċaw f'idejn atturi mhux statali u gruppi terroristiċi, hu ta' importanza vitali li jingħata appoġġ lill-isforzi tan-NU biex jipprevjenu li l-atturi mhux statali u l-gruppi terroristiċi jiżviluppaw, jakkwistaw, jimmanifatturaw, ikollhom fil-pussess u jittrasportaw tali armi, u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom. L-UE ser taħdem favur implimentazzjoni aħjar tar-Riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU u ser tikkontribwixxi b'mod attiv għar-Reviżjoni Komprensiva tagħha, li trid titlesta fl-2016.

L-UE ser tippromwovi l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u l-universalizzazzjoni tagħha u ser taħdem biex ittemm l-użu inaċċettabbli ta’ armi kimiċi fil-Lvant Nofsani. L-UE ser tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi, l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħha u l-pożizzjonijiet tal-UE f'dan ir-rigward, anke fid-dawl tat-8 Konferenza ta' Reviżjoni ta' dik il-Konvenzjoni fl-2016.

L-UE ser tippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), li hu l-pedament tar-reġim globali għan-nonproliferazzjoni nukleari, il-bażi essenzjali biex jinkiseb id-diżarm nukleari f'konformità mal-Artikolu VI tat-TNP, u element importanti fl-iżvilupp ulterjuri ta' applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi. Barra minn hekk, l-UE tqis li t-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari huwa ta’ importanza kruċjali għad-diżarm nukleari u n-nonproliferazzjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu jibqgħu prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea.

Aħna għandna nagħmlu kull sforz biex il-Konferenza dwar id-Diżarm u l-Kummissjoni tan-NU dwar id-Diżarm jerġgħu lura fit-triq it-tajba u, f’dak il-kuntest, nibqgħu lesti li nikkunsidraw kwalunkwe inizjattiva ġdida li twassal għal kunsens. Għall-Unjoni Ewropea, il-bidu immedjat u l-konklużjoni bikrija tan-negozjati, fil-Konferenza dwar id-Diżarm, ta' Trattat li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għall-armi nukleari jew apparat splussiv nukleari ieħor, abbażi tad-dokument CD/1299 u l-mandat li jinsab fih, jibqgħu prijorità ċara.

L-UE tippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u ser tappoġġa l-implimentazzjoni tal-eżitu tal-Konferenzi tal-Istati Partijiet. L-UE ser tappoġġa wkoll l-istrumenti tan-NU maħsuba biex jipprevjenu, jiġġieldu u jeradikaw id-devjazzjoni u l-kummerċ illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u l-munizzjon tagħhom.

L-UE tenfasizza r-rwol tan-nisa f'kull diskussjoni u deċiżjoni marbuta mad-diżarm.

II. DINJA AKTAR ĠUSTA U UMANA

Il-Migrazzjoni u l-Flussi Globali tal-Popolazzjoni

L-indirizzar tal-ikbar kriżi ta' ċaqliq globali tal-popolazzjoni mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn u l-**flussi migratorji u tar-refuġjati li qed jiżdiedu**, ser jeħtieġu sforz konsistenti u kkoordinat mill-komunità internazzjonali kollha.

L-UE ser tuża l-oqfsa stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-Aġenda 2030 u s-Summit li jmiss tan-NU dwar l-Indirizzar ta' Movimenti Kbar ta' Refuġjati u Migranti, għall-istabbiliment ta' qafas ta' kooperazzjoni globali u effiċjenti. Dan għandu jkun ibbażat fuq responsabbiltajiet kondiviżi, ikun kapaċi jindirizza l-isfidi marbutin mal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq tal-popolazzjoni fuq livell dinji, filwaqt li jkun ikkaratterizzat minn impenn imġedded lejn id-dritt umanitarju internazzjonali.

L-UE ser tippromwovi approċċi orjentati lejn l-iżvilupp, waqt li tirrikonoxxi l-impatt pożittiv ta' politiki ta' migrazzjoni ppjanati u amministrati tajjeb kemm għall-pajjiżi ta' oriġini, dawk ta' transitu kif ukoll dawk ospitanti. Il-komunità internazzjonali għandha tgħin lill-komunitajiet ospitanti u lill-gvernijiet biex isaħħu r-reżiljenza u l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' persuni mċaqilqin b'mod furzat u biex jistabbilixxu u jimplimentaw politiki li jwasslu għal awtosuffiċjenza fuq livell nazzjonali.

Aħna ser naħdmu flimkien mas-sħab kollha tan-NU biex jiżdiedu l-isforzi internazzjonali fl-indirizzar tal-kawżi multidimensjonali tal-kriżi attwali tar-refuġjati u l-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq furzat tal-popolazzjoni fuq livell usa’, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta’ bnedmin, biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa u t-tfal fil-proċessi ta’ migrazzjoni; il-protezzjoni tal-vittmi u s-salvataġġ tal-ħajjiet għandhom ikunu tal-ogħla prijorità għall-komunità internazzjonali kollha. Barra minn hekk, jinħtieġu sforzi akbar biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' migrazzjoni legali u biex tiġi żgurata r-riammissjoni ta’ individwi li mhumiex eliġibbli għall-asil f’konformità mad-dritt internazzjonali.

Jeħtieġ li nsaħħu r-rabta bejn l-għajnuna umanitarja u dik għall-iżvilupp sabiex nindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni, iċ-ċaqliq tal-popolazzjoni u r-refuġjati, u biex waqt li nestendu l-bażi tad-donaturi, nimmobilizzaw aktar kontribuzzjonijiet mis-settur privat u nieħdu impenn favur użu aktar effiċjenti tar-riżorsi disponibbli.

Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Internazzjonali

Abbażi tas-sħubija mill-qrib bejn l-UE u n-NU dwar id-**drittijiet tal-bniedem** l-UE ser trawwem il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja kollha. Aħna qegħdin naraw li inkomplu nibnu alleanzi transreġjonali biex navvanzaw il-prijoritajiet tematiċi tagħna dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex nittrattaw sitwazzjonijiet ta’ pajjiżi li jeħtieġu l-attenzjoni tan-NU. F'Diċembru 2016, l-UE ser tfittex opportunitajiet għall-promozzjoni tal-Patti Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u d-Drittijiet Ċivili u Politiċi, hekk kif nikkommemoraw il-50 anniversarju tagħhom.

Aħna ser nagħtu prijorità akbar lir-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-difiża tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-NGOs fil-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti, u li niddiskutu miżuri possibbli meħtieġa biex ir-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-popli indiġeni jkunu jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat ta' korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom. L-UE ser tkompli wkoll tagħti attenzjoni speċjali lill-kwistjonijiet kollha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-UE tibqa' impenjata fil-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u fl-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet marbutin magħha. L-UE ser taħdem għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal madwar id-dinja kollha. L-UE ser tippromwovi l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li topponi bis-sħiħ id-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni jew fuq kwalunkwe bażi, inkluż id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru.

Fl-isfond tal-isfida akbar għall-acquis globali dwar id-drittijiet tal-bniedem f'sessjonijiet reċenti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat tal-AĠNU, l-UE hija ddeterminata li tkun dejjem aktar viġilanti u proattiva biex iżżomm il-kwistjonijiet ewlenin marbutin mad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-attenzjoni tagħha, tiddefendi l-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem kollha, u biex tissalvagwardja l-indipendenza tal-proċeduri speċjali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Korpi ta' monitoraġġ tat-trattati.

L-UE ser tkompli taħdem biex tiżgura soluzzjonijiet konformi mad-drittijiet tal-bniedem għall-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati. L-UE ser tkompli wkoll tippromwovi l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħidma tan-NU u l-kapaċità ta' rispons u l-effettività tas-sistema tan-NU meta tiffaċċa kriżijiet serji marbutin mad-drittijiet tal-bniedem (inkluż l-Inizjattiva "Human Rights up Front").

Għandha tingħata attenzjoni akbar lill-protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati, il-prinċipju ta' non-refoulement u d-dritt għall-asil iżda wkoll lill-indirizzar tal-ħtiġijiet speċjali ta' migranti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli li ma jikkwalifikawx għal status ta' refuġjat. L-UE ser taħdem biex tiddefendi u ssaħħaħ l-implimentazzjoni tad-dritt internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż billi tinkoraġġixxi lill-pajjiżi kollha biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tar-Refuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha tal-1967 u billi tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' liġijiet mhux vinkolanti u mekkaniżmi reġjonali eżistenti.

L-UE tippromwovi l-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali u internazzjonali, il-ġustizzja kriminali internazzjonali, b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali, l-aċċess għall-ġustizzja, istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti, it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod inklużiv u trasparenti u soċjetajiet ħielsa mill-korruzzjoni.

Tisħiħ tal-Ispazju Umanitarju

L-**azzjoni umanitarja** ilha tħabbat wiċċha ma' sfidi serji għal diversi snin. Il-konflitti reċenti huma kkaratterizzati miż-żmien itwal li jdumu għaddejjin, minn brutalità u ksur flagranti tan-normi inkluż id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, minn livelli mingħajr preċedent ta' tbatija u ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni internament jew minn naħa għal oħra tal-fruntieri internazzjonali, kif ukoll minn iktar immirar intenzjonat fuq l-infrastruttura ċivili, il-ħaddiema umanitarji u r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess umanitarju. It-tibdil fil-klima u l-inugwaljanza ekonomika li qed tikber ukoll ikkontribwew għal aktar vulnerabbiltajiet għal ċerti popolazzjonijiet li ġiegħlu lin-nies jitilqu minn djarhom.

Jeħtieġ li s-sistema ta' għajnuna internazzjonali tkompli tadatta sabiex tindirizza l-iskala u n-natura tal-isfidi attwali. Jeħtieġ li r-rispons isir iktar effiċjenti, filwaqt li jissimplifika l-metodi ta' ħidma kemm tal-komunità tad-donaturi kif ukoll tal-operaturi umanitarji. Jeħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji u koerenza bejn l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-istabbilizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-konflitti mill-istadju ta' qabel il-kriżi 'l quddiem, sabiex kriżi jew diżastru jkun jista' jiġi antiċipat aħjar, u jkun hemm tħejjija u rispons aħjar għalih bil-għan li jintemmu l-ħtiġijiet umanitarji u biex tinbena reżiljenza. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm rabtiet aħjar mal-kapaċitajiet lokali eżistenti u li dawn jissaħħu, u li nerġgħu neżaminaw l-approċċi tagħna sabiex il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet milqutin jiġu ssodisfati aħjar u b'mod aktar sostenibbli kemm fuq perijodu ta' żmien qasir kif ukoll aktar fit-tul. Minkejja żieda mingħajr preċedent fil-finanzjament umanitarju, il-ħtiġijiet kibru ferm aktar malajr u dan id-distakk li qed jikber bejniethom jeħtieġ li jiġi indirizzat.

F'Mejju 2016 tlaqqa' l-ewwel Summit Umanitarju Dinji li qatt sar biex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata u sabiex jingħata rispons għal xi wħud mill-isfidi. L-UE ttenni bis-sħiħ l-impenn kollettiv u individwali li ilha tħaddan favur azzjoni umanitarja effettiva msejsa fuq il-prinċipji, inkluż permezz tal-approvazzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali msejjaħ "One humanity: Shared responsibility" u l-"Agenda for Humanity" tiegħu. L-UE tibqa' impenjata li tirreaġixxi għall-vjolenza abbażi ta' sess, u tipprevenija, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-komunità globali għandha tassumi r-responsabbiltà kondiviża tagħha biex jiġu salvati l-ħajjiet, tittaffa t-tbatija u tiġi ppreservata d-dinjità tal-bniedem.

Tmexxija b'saħħitha min-NU għandha tiżgura segwitu inklużiv, trasparenti u effettiv, inkluż permezz tal-proċessi intergovernattivi eżistenti tal-ECOSOC u l-AĠNU fl-71 sessjoni tagħha, iżda wkoll permezz tal-Bordijiet Eżekuttivi tal-Aġenziji u mezzi oħra disponibbli, li jgħinu biex l-impenji li ttieħdu fis-Summit jissarrfu f'azzjoni.

L-UE ser tkompli tappoġġa r-rwol ewlieni tan-NU fil-koordinazzjoni u t-twassil ta' assistenza umanitarja internazzjonali kif ukoll ser tkompli tippromwovi r-rispett għall-prinċipji umanitarji, id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, id-Dritt dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt dwar ir-Refuġjati.

III. AĠENDA DEJJIEMA GĦALL-BIDLA

Il-qbil dwar l-Aġenda 2030, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima kienu opportunità ta' darba fil-ħajja ta' bniedem biex infasslu l-futur tagħna. L-isforz tas-sena li għaddiet irid jiġi segwit minn azzjoni determinata. Fil-preżent hemm nuqqas ta' integrazzjoni bejn l-istrateġiji dwar it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, l-għajnuna umanitarja u kwistjonijiet marbutin mal-konsolidazzjoni tal-paċi. Aħna lesti li ninvolvu ruħna fuq livell multilaterali biex dan jinbidel u biex naħdmu favur aġenda globali komprensiva.

Aġenda 2030

L-**Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli** li hi universali, integrata u indiviżibbli, inkluż l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, ma tirrappreżentax biss punt ta' referenza komuni għall-Istati Membri kollha tan-NU u partijiet ikkonċernati oħra, mis-soċjetà ċivili għan-negozju. Din ser tiggwida l-azzjoni għall-iżvilupp sostenibbli matul il-15-il sena li ġejjin għall-persuni, il-pjaneta, il-prosperità, il-paċi u fi sħubija. M'għandniex alternattiva, l-Aġenda 2030 tkun ta' suċċess kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE. Il-ftehimiet issa għandhom iwasslu għal tibdil reali fil-ħajja tan-nies, u ma jħallu lil ħadd barra.

Neħtieġu approċċ olistiku, integrat u komprensiv mill-atturi kollha, fis-setturi kollha u fil-livelli kollha sabiex tinżamm in-natura universali, indiviżibbli u integrata tal-Aġenda 2030. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ser ikun kruċjali biex tkun ta' suċċess. L-UE ser tkompli tappoġġa l-iżvilupp ta' proċess ta' segwitu u ta' reviżjoni fin-NU li jkun koerenti, effiċjenti u inkluživ.

L-għeruq u l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, iċ-ċaqliq furzat tal-popolazzjoni u forom oħra ta' migrazzjoni riskjuża għandhom jiġu indirizzati b'mod sistematiku, komprensiv u fit-tul, filwaqt li jsir sforz favur implimentazzjoni bikrija u effettiva.

It-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Settur tal-Abitazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III) li għandha ssir f'Quito f'Ottubru 2016 ser tkun fost l-ewwel konferenzi tan-NU li ser isiru wara l-adozzjoni tal-Aġenda 2030 u COP21. Habitat III toffri opportunità unika biex tiġi adottata Aġenda Urbana Ġdida fuq livell globali li tippromwovi relazzjoni u sinerġiji b'saħħithom bejn l-urbanizzazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima.

Tibdil fil-Klima

It-**tibdil fil-klima** hi waħda mill-kwistjonijiet l-iktar kumplessi u urġenti tal-politika domestika u estera li qed niffaċċaw illum. Minħabba l-impatti potenzjalment destabbilizzanti tagħha − inkluż fuq il-migrazzjoni, is-sigurtà tal-ikel, l-aċċess affidabbli għar-riżorsi, l-ilma u l-enerġija, it-tixrid ta' mard epidemiku, u l-instabbiltà soċjali u ekonomika − timmultiplika t-theddid u dan jamplifika s-sitwazzjonijiet ta' konflitt.

Il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 huwa l-pedament tar-reġim emerġenti ta' governanza globali dwar it-tibdil fil-klima. Dan jirrappreżenta ftehim ambizzjuż, bilanċjat, ġust u legalment vinkolanti. Ratifika u dħul fis-seħħ bikrin huma mixtiqin peress li dan jagħti lill-pajjiżi u lill-partijiet ikkonċernati kollha ċ-ċertezza legali li l-Ftehim jibda jopera fi żmien qasir. Biex l-ispinta pożittiva minn Pariġi tinżamm, ser tkun meħtieġa mobilizzazzjoni politika u diplomatika sostnuta fil-livell globali, inkluż atturi mhux statali bħal negozji u awtoritajiet lokali li għandhom rwol dejjem akbar fit-tisħiħ tal-effettività tal-azzjoni multilaterali.

Aħna ser nibqgħu proattivi fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima taħt l-UNFCCC sabiex niżguraw li l-ambizzjoni stabbilita mill-Ftehim tissarraf fl-aspetti kollha tal-implementazzjoni tagħha, bħal dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-mekkaniżmi ta' żvilupp sostenibbli u l-mekkaniżmi ta' teknoloġija.

L-UE hija impenjata li żżid il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet sinifikanti ta' mitigazzjoni sabiex tagħti sehemha mill-għan tal-pajjiżi żviluppati li jimmobilizzaw b'mod konġunt USD 100 biljun fis-sena sal-2020 minn firxa wiesgħa ta' sorsi.

Bl-istess mod, l-UE biħsiebha tibqa' fit-tmexxija tal-appoġġ għal azzjoni multilaterali għall-klima permezz tal-promozzjoni ta' eżiti ambizzjużi fil-kuntest tan-negozjati fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll skont in-negozjati tal-Protokoll ta' Montreal.

Riforma tan-NU u Aktar Effiċjenza

Il-multilateraliżmu effettiv jeħtieġ **Nazzjonijiet Uniti effettiva** fil-qofol tiegħu.

L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli flimkien mar-riżultati tar-Reviżjonijiet tan-NU dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi, l-Istruttura tal-Konsolidazzjoni tal-Paċi u n-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà joffru opportunità unika għal bidla istituzzjonali u kooperazzjoni aħjar bejn id-diversi pilastri tan-NU. Bil-wasla tas-Segretarju Ġenerali l-ġdid, huwa l-waqt opportun li ssir riforma komprensiva tan-NU b'aġenda strateġika ġdida għall-ħmistax-il sena li ġejjin.

In-natura integrata tal-Aġenda 2030 tirrikjedi li l-implimentazzjoni tagħha tiġi appoġġata minn NU li żżid l-isforzi tagħha biex tipprovdi appoġġ integrat u kkoordinat għall-politika (prinċipalment permezz tas-Sistema ta' Żvilupp tan-NU). Neħtieġu Sistema ta' Żvilupp tan-NU li taħdem b'mod aktar integrat, b'ħidma msaħħa fost l-aġenziji, timijiet ta' politika konġunta, programmazzjoni konġunta, implimentazzjoni konġunta ta' programmi, li flimkien jiksbu riżultati bħala sistema waħda. Ir-Reviżjoni tal-Politika Komprensiva Kwadriennali ġdida ser tkun essenzjali f'dan ir-rigward u għandu jsir sforz favur riforma profonda.

Għandu jiġi indirizzat ukoll funzjonament aktar effiċjenti tal-kumitati tal-AĠNU kif ukoll korpi oħra tan-NU. Kollettivament, ilkoll għandna rwol fit-tisħiħ tal-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u r-rappreżentattività tas-sistema sħiħa tan-NU, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà.

Dawn ir-riformi ser ikollhom jindirizzaw sfidi u opportunitajiet ġodda filwaqt li jerġgħu jistabbilixxu l-prijoritajiet fi ħdan is-sistema.

L-UE tilqa' l-proposti kollha sabiex jiġi ggarantit li n-NU tista' taqdi l-għanijiet tagħha u kapaċi tipprovdi soluzzjonijiet flessibbli, effettivi u effiċjenti għall-kwistjonijiet urġenti ta' żmienna.

Is-Segretarju Ġenerali l-ġdid għandu jagħti prijorità biex dawk il-kwistjonijiet jiġu indirizzati minn kmieni. Huwa għandu jkollu l-viżjoni li jippromwovi r-rwol tan-NU f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, li l-UE għadha profondament marbuta magħha. Is-Segretarju Ġenerali għandu jissodisfa l-ogħla standards ta' kompetenza, integrità, effettività u effiċjenza.